**29 ta’ Diċembru**

**Tifkira ta’**

S. TUMAS BECKET, ISQOF U MARTRI

Twieled f’Londra fl-1118; daħal fil-kleru ta’ Canterbury u sar kanċillier tar-re; fl-1162 inħatar isqof. Iddefenda b’qawwa kbira l-jeddijiet tal-Knisja kontra r-Re Enriku II, u minħabba f’hekk kellu jagħmel sitt snin eżiljat fi Franza. Meta reġa’ lura f’pajjiżu, kellu ħafna taħbit kbir ieħor, sa ma dawk ta’ madwar is-sultan qatluh fl-1170.

**Fit-Tifħir ta’ sbiħ il-jum**

Ant. Min jobgħod lil ħajtu f’din id-dinja jżommha sħiħa għall-ħajja ta’ dejjem.

Talba

O Alla, int tajt il-grazzja lill-martri San Tumas biex bi qlubija kbira jxerred demmu għall-ġustizzja; bit-talb tiegħu, agħtina li f’din id-dinja niċħdu ħajjitna għal Kristu ħalli nsibuha fis-sema. B’Ibnek

**Il-Għasar**

Ant. Il-qaddisin igħammru fis-saltna tas-smewwiet: hemm jistrieħu għal dejjem.